MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2009

Numru. 255/2001

Il-Pulizija
(Sp Maurice Curmi)
vs
Mario Saliba, iben Carmel, imwieled Pieta' fit-18 ta' Awwissu, 1968

Il-Qorti,
Rat l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat –
1. talli fis-26 ta' Diċembru, 2000 u fid-dati ta' qabel, fl-Iklin jew bbnadi oħra f'dawn il-Gżejjer, xjentement laqa' għandu jew xtara 400 kaxxa b'xorb alkoħoliku, meħudin b'qerq jew akkwistati b'reat, jew xjentement b'kull mod ieħor li jkun, indaħal biex ibiegħhom jew imexxihom;
2. talli taħt l-istess ċirkostanżi b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann jew billi wera ħaġa b'oħra

sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta’ ntrapriżi foloz, jew ta’ ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta’ krediti mmaġinarji, jew sabiex iqanqal tama’ jew biża’ dwar xi ġrajja kimerika għamel qliegħ ta’ aktar minn Lm23,000 għad-dannu tal-Gvern ta’ Malta;

3. talli taħt l-istess ċirkostanżi, bi ħsara ta’ ħaddieħor, għamel xi qliegħ ieħor b’ingann li jammonta għal aktar minn Lm500;

4. talli kkometta dawn ir-reati fil-waqt li kien uffiċjal jew impjegat pubbliku, b’hekk sar ħati ta’ reat ieħor li hu kellu jissorvelja biex ma jsirx jew minħabba l-kariga tiegħu kullu d-dmir li jimpedixxi;

fuq talba tal-Kontrollur tad-Dwana u tal-Kummissarju tal-VAT –

5. talli fl-istess ċirkostanżi, bil-ħsieb li jiffroda l-Gvern ta’ Malta ttanta li jaħrab ud-Dazju tas-Sisa, Dazju ta’ l-Importazzjoni u Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) dovuti u/jew xi liġi jew limitazzjoni tad-Dwana dwar l-importazzjoni, billi għin jew kellu b’xi mod jaqsam filli jiġu mwarba jew irtirati kontra l-liġi l-oġġetti li jidhru fin-Nota ta’ Qbid numru 6/2001 hawn mehmuża, minn Ħal-Far Groupage Complex qabel l-eżami tagħhom mill-Uffiċjal inkarigat tad-Dwana mhux bl-awtorita’ jew taħt is-sorveljanza ta’ dan l-Uffiċjal, oġġetti mportati f’Malta, b’mod li l-Uffiċjal inkarigat ma jkunx jista’ jieħu tagħhom nota kif imiss jew b’mod li ma jkunux ġew imdaħħla fid-depozt kif imiss;

6. talli taħt l-istess ċirkostanżi xjentement laqa’ għandu, ġie fil-pussess, żamm, ħeba u/jew xjentement ħalla jew itollera, jew ġiegħel jew fittex li jiġu milqugħa, miżmuma jew moħbija u/jew xjentement kellu b’xi mod x’jaqsam fil-ġarr, twarrib, depozt jew ħabi ta’ l-oġġetti in kwistjoni.

Dawn l-oġġetti, li l-importazzjoni tagħhom hija projbita u/jew ristretta għandhom valur ta’ Lm7,467.70, dazju tas-sisa ta’ Lm18,706.80, dazju ta’ l-importazzjjoni ta’ Lm604.88 u taxxa fuq il-valur miżjud ta’ Lm4.016.91, liema dazju tas-sisa, dazju ta’ l-importazzjoni u taxxa fuq il-valur miżjud ma ġewx imħallsa u/jew kawtelati.

Dan bi ksur ta’ l-artikoli 60(a)(ċ)(e)(k), 62(a)(b)(ċ)(f)(g)(h)(i)(k), 68(1) u 63(1)(2) u l-paragrafu (a) tal-proviso ta’l-artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikoli 16(j)(l) u 17(a) ta’ l-Att XVI ta’ l-1995 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Il-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni KAD 978 illi ntuzat bħala mezz ta’ ġarr ta’ oġġetti illi d-dazju tagħhom ma kienx imħallas, ġiet maqbuda bin-Nota ta’ Qbid 7/2001.

Il-Qorti ġiet mitlub li f’każ ta’ ħtija terz tal-piena tal-flus, jitqies bħala dejn ċivili li għandu jitħallas lill-Gvern skont il-proviso ta’ l-artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta’ Malta.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali tas-16 ta’ Lulju, 2002 fejn iddikjara li wara li ra l-atti tal-kompilazzjoni kontra l-imputat u billi jidhirlu li tista’ tinsab ħtija jew ħtijiet taħt dak li hemm maħsub:
a. fl-artikoli 334, 308, 309 u 310 tal-Kodiċi Kriminali;
b. fl-artikolu 141 tal-Kodiċi Kriminali;
c. fl-artikoli 60(a)(ċ)(e)(k), 62(a)(b)(ċ)(f)(g)(h)(i)(k), 68(1), 63(1)(2) u l-paragrafu (a) tal-proviso tal-artikolu 62 tal-Kapitolu 37 tal-Liġijiet ta’ Malta;
d. fl-artikoli 16(j)(l) u 17(a) ta’ l-Att XVI ta’ l-1995;
bagħat lura l-atti lil din il-Qorti sabiex tiddeċidi fuq l-akkuża ta’ din il-ħtija jew ħtijiet barra kull ċirkostanża oħra.

Rat il-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Novembru, 2006 fejn l-imputat ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet ix-xhieda nkluża x-xhieda ta’ l-imputat bil-ġurament.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat.

Ikkunsidrat.

Illi fis-26 ta’ Diċembru, 2000 il-pulizija rċeviet informazzjoni li fi Trejqiet ir-Rumanzier, L-Iklin kienet qed

tinħatt xi merkanzija ġo bitha li kien fiha l-garages. Fil-fatt, il-pulizija marru fuq il-post u sabu ħames min-nies li kienu qed iħottu truck. Fuq dan it-truck kien hemm tmien ‘pallets’ li kien fihom xorb alkoħoku ta’ diversi tipi. Fil-kors ta’ l-investigazzjoni rrizulta li dawn it-tmien ‘pallets’ kienu ħarġu mill-‘container depot’ ta’ Ħal-Far, aktar kmieni dak in-nhar wara nofs in-nhar. Irrizulta wkoll li l-uniku gwardjan li kien hemm Ħal-Far dak in-nhar wara nofs in-nhar kien l-imputat Mario Saliba. Suppost kellhom ikunu tnejn iżda wara nofs in-nhar kien weġġa l-kollega ta’ l-imputat, John Bonavia li spiċċa l-isptar, u għalhekk l-imputat baqa’ waħdu.

Illi fid-depot ta’ Ħal-Far hemm żewġ ‘gates’. Minn wieħed minnhom jidħlu t-trucks bil-containers li għandhom jinħattu fil-waqt li mill-‘gate’ l-ieħor joħorġu t-trucks bil-merkanzija jew joħorġu vojta. Dan il-post partikolari kien magħruf bħala t-‘take away’ minħabba l-fatt li l-kontrolli kienu mill-inqas. Fil-fatt jirrizulta ampjament dokumentat fl-atti ta’ din il-kawża li l-ħaddiema tad-dwana ma kienux kuntenti bil-proċeduri li kienu qed jintużaw f’dan il-post. Huma riedu li fil-‘gates’ kien ikun hemm aktar kontroll proprju biex tiġi tutelata l-integrita’ professjonali tal-gwardjani u tal-fizzjali tad-dwana li kienu jaħdmu hemm. L-awtoritajiet sa dak in-nhar li ġara l-inċident meritu ta’ din il-kawża u kawżi oħra relatati ma din qatt ma taw każ u kien għalhekk li kien ikun hemm biss żewġ gwardjani, wieħed ma kull ‘gate’ li jieħdu ħsieb. Il-proċedura kienet li is-sewwieq ta’ truck kellu jkollu pass jekk hu mimli bil-merkanzija. Jekk kien joħroġ vojt kien jagħmel sinjal bl-idejn li kien jindika li t-truck hu vojt. Dan il-pass ma kienx dokument uffiċjali tad-dwana iżda tal-‘bond operator’. Jirrizulta li l-gwardjan fil-‘gate’ kellu l-fakulta’ li jispezzjoni xi truck basta ma jżommx il-‘flow tat-traffiku’. Għal kjarezza jingħad li meta t-truck bil-container merkanzija kien jidħol Ħal-Far kien imur għand l-‘operator’ rispettivi tiegħu u hemm kien ikun hemm fizzjal tad-dwana li jkun preżenti meta jinfetaħ il-container u jikontrolla li l-kontenut tal-container jaqbel mad-dokumenti preżentati. Dan ifisser li rrilaxxa tal-merkanzija kienet oblligu tal-fizzjal. Ix-xogħol tal-gwardjan kien li hu kien stazzjonat mal-‘gate’ u

jissorvelja li kollox ikun miexi sew skont kif ingħad haawn fuq.

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li dak in-nhar ta' l-inċident l-imputat kien għassa mal-'gate' li minnu jjidħlu l-containers, fil-waqt li fil-'gate' l-ieħor kien hemm gwardjan ieħor li jismu John Bonavia. Dak in-nhar rrizulta wkoll li matul il-ġurnata li hemm preżenti żewġ fizzjali tad-dwana oħra li ma għamlu xejn ħlief li josservaw dak li kien qed jiġri. Ġara li għal ħabta tas-sagħtejn ta' wara nofs in-nhar John Bonavia weġġa' waqt li kien qed jispezjona truck li kien ħiereġ bil-merkanżija. Konsegwenza ta' dan l-inċident John Bonavia spiċċa l-isptar. Qabel ma telqet waħdu lejn l-isptar kemm hu kif ukoll l-imputat ippruvaw jikkontattjaw l-offiċjini tad-dwana iżda għalxejn. Konsegwenza ta' dan l-imputat baqa' waħdu jgħasses iż-żewġ 'gates'. Il-truck bit-tmien 'pallets' xorb ħareġ meta hu kienu waħdu jissorvelja ż-żewġ 'gates'.

Illi jirrizulta li l-imputat ġie avviċinat dwar il-fatt li kellu jidħol 'pallet' li kien diġja rilaxxat. Ta' dan hu kien informa lil John Bonavia li min-naħa tiegħu kkonferma dan il-fatt. Minħabba l-fatt li dan kien l-istess burdnar li ħareġ it-tmien 'pallets' l-imputat ġie taħt investigazzjoni li hu kien jaf li meta ħareġ dan it-truck kellhu x-xorb mgħobbi fuqu.
Illi l-imputat dejjem ċaħad li hu kellu x'jaqsam ma dan il-fatt, kemm fl-istqarrija tiegħu kif ukoll meta offra x-xhieda tiegħu quddiem din il-Qorti. Hu spjega fid-dettal x'kien ġara dak in-nhar, min avviċinah, il-fatt li wissih li kien hemm il-fizzjali tal-intelligence biex kulħadd jirrispetta r-regoli u li qatt ma rċeva xi flus biex iħalli dawn il-'pallets' xorb igħaddu.

Illi l-provi tal-prosekuzzjoni huma li l-imputat ġie avviċinat u li fil-fatt ħalla joħroġ dan it-truck. Dawn huma provi li l-imputat offra spjegazzjoni loġika u din il-Qorti mingħajr ma ttawwal bla bżonn hi tal-fehma li l-imputat ma kellu xejn x'jaqsam mar-reat li twettaq. Apparti dan kollu jirrizulta li qabel ma ġara dan l-inċident l-imputat u John Bonavia kellhom inkontru mal-Kontrollur tad-Dwana biex jispjegawlu li huma kien qed jaħdmu taħt sogru. Ħadd ma ta każhom sakemm ġara l-każ. Illum hemm skwadra

sħiħa ta’ fizzjali u gwardjani li jieħdu ħsieb dan id-depot. Kwalunkwe kumment ieħor hu żejjed.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah minn dawn l-akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------